**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA B.A., LL.D.**

**Illum, l-4 ta' Lulju 2022**

Kaz Nru: 2/17

**IL-PULIZIJA**

**(Supratendent Frank Anthony Tabone)**

**Vs**

**AYOUB AHMAD MOHAMAD AHMAD**

**(ID No. 145724(A))**

## Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' **Ayoub Ahmad Mohamad** Ahmad, iben Ahmad Mohumad Ahmad u Hamed Musbah, imwieled gewwa l-Libya, nhar it-28 ta' Novembru, 1993, residenti gewwa *AM Shared Blk 2, Flat 7*, Triq Sir Luigi Camilleri, Tas-Sliema, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 145724A u passaport Libjan numru N9GJ6JR3, senjatament akkuzat talli;

1. Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Ghandhom x'Jaqsmu Maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati, liema medicina nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

2. Ittanta li jaghmel reat kontra l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjoni li Ghandhom x'Jaqsmu Maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Haddem negozju bl-ingrossa f'xi prodott medicinali minghajr ma kien detentur ta' licenzja ta' negozjant bl-ingrossa mahrug skond id-dispozizzjonijiet ta' dan l-Att u l-prodott medicinali jkun inghata awtorizzazzjoni ta' tqeghid fis-suq mill-Awtorita' dwar il-Licenzjar (*Chp*. 458, *Art*. 54 (1)).

Il-Qorti kienet ukoll mitluba li f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat u semghet ix-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali[1] ai termini tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika w il-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu Maghha (Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta), sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali,

Rat id-digriet tal-assenjazzjonijiet ta' kawzi u doveri tal-Prim Imhallef tat-28 ta' Lulju 2021 kif ukoll l-ezenzjoni tal-partijiet mis-smigh mill-gdid tal-provi gia mismugha minn dina l-Qorti diversament preseduta;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

<u>Fatti tal-Kaz</u>

Illi l-fatti tal-kaz odjern huma pjutost semplici u ma jidhirx li hemm kontestazzjoni fuqhom bejn il-partijiet. Il-pulizija rceviet informazzjoni (mhux rigwardanti l-qua imputat) li kien ser ikun hemm *deal* ta' droga fl-inhawi ta' Bugibba. Konsegwentament, fit-3 ta' Jannar 2017 ghall-habta tal-16.00hrs, il-pulizija marru fl-inhawi ta' Bugibba fejn hekk kif resqu lejn Triq il-Qroll osservaw lill-imputat igorr bagalja skura. Il-Pulizija waqqfuh, identifikaw rwiehhom bhala pulizija u nfurmawh li ser issir tfittxija fuqu. Billi dak il-hin fl-inhawi kien hemm diversi nies, il-pulizija haduh f'post inqas iffullat hdejn il-ground tas-Sirens. Saret tfittxija fuq il-persuna tal-qua

[1] Fol. 3 tal-Atti Processwali

imputat li rrizultat fin-negattiv filwaqt li minn tfittxija fil-bagalja nstabu tlett bottijiet kbar tal-plastic li normalment ikunu jikkontjenu protein. Dawn kienu jidhru ssigillati, madanakollu, meta l-pulizija ppruvaw jifthuhom irrealizzaw li dan jistgha jsir b'mod facli. Irrizulta li dawn il-bottijiet kienu jikkontjenu trab u mohbijin gewwa l-istess trab kien hemm ammont sostanzjali ta' blister packets. F'dan l-istadju l-pulizija arrestaw lill-imputat u haduh (flimkien bil-bagalja dejjem fil-prezenza tieghu) fil-kwartieri generali tal-pulizija ghall-izjed investigazzjonijiet. Koncernanti dawn il-fatti nfethet ukoll inkjesta magisterjali bil-ghan li tigi ikkonservata ahjar l-evidenza migbura.

Illi fil-kors tal-investigazzjonijiet l-imputat irrillaxxa stqarrija audio-viziva li giet ezebieta u mmarkata bhala FTX. L-istess stqarrija giet traskritta minn Oriana Deguara (fuq inkarigu mghoti lilha minn din il-Qorti). Mill-imsemmija stqarrija jirrizulta s-segwenti:- L-imputat jikkonferma l-arrest, jikkonferma li t-tfittxija saret fil-prezenza tieghu u jikkonferma ukoll li huwa ma ffirmax l-*evidence bags* kontenenti l-pilloli misjuba fil-bottijiet. Huwa jghid li huwa ma ffirmax l-imsemmsija *evidence bags* ghax il-pilloli ma humiex tieghu. Jispjega li huwa gie Malta fis-sena 2015. Ir-raguni inizjali ghaliex gie Malta kien dik sabiex jistudja f'Malta filwaqt li jilghab bhala plejer fit-team Malti. F'dan iz-zmien huwa ghamel hbieb f'Malta. Jghid li ghalkemm huwa beda jittrenja u jilghab ma team f'Malta, l-income ma kienx tali li joqghod fuqu biss. Allura ghall-bidu hadem fil-bini. Gab l-istatus ta' refugjat. Fl-2016 beda jahdem fi hdan Cafe Cuba u sussegwentament gewwa Hard Rock Cafe f' Baystreet u l-Airport. Jghid li fil-process biex isib impjieg huwa ghamel numru ta' hbieb li kienu offrulu l-ghajnuna taghhom fosthom lil hu Ramzi Abdul Hafid li kien ilu jafu meta kien ghadu student il-Libja. Ramzi Hafid kien jghix Malta filwaqt li huh kien jghix il-Libja. Hu Ramzi (Riyad) kien tkellem mal-imputat tramite facebook u offrielu xoghol ta' xufier biex igib il-karozzi mill-Olanda. Konsegwentament f'Settembru u Ottubru 2016 iltaqa' fizikament l-ewwel darba ma Ramzi rigwardanti dan ix-xoghol prospettiv (hekk kif issuggerixxa hu Ramzi). F'Novembru 2016, l-imputat xtaq jirritorna lura l-Libja bil-ghan li jkun jistgha jzur lill-ommu. Spjega li billi huwa kellu l-istat ta' refugjat ma setghax immur il-Libja tramite Tripli izda minn Masrata. Huwa nforma lill-hbieb tieghu, inkluz lil Ramzi, li kien sejjer il-Libja. Ramzi offrielu li jaqghtalu t-ticket ghal-Libja tramite habib tieghu. F'Dicembru 2016 l-imputat reggha ltaqa fizikament ma Ramzi sabiex ihallsu tall-passagg. Fil-passagg kien hemm indikat li l-qua imputat kellu jitlaq minn Malta ghal Tunez fl-4 ta' Jannar 2017. Sussegwentament minn Tunez imur Masrata. Wara li ghaddielu ticket, Ramzi reggha ghamel kuntatt mal-qua imptuat fejn talbu jiehu proteins lil huh (li kien fil-Libja) ghax dan kien jitrenja. Huwa provda n-numru cellulari ta' huh lill-imputat. L-imputat

jispjega ukoll li dakinhar tal-arrest tieghu huwa qabad taxi mill-Airport (fejn kien xoghol) u mar Bugibba halli jiltaqa' ma' Ramzi hdejn ir-restaurant tal-kebab. Ramzi hadu fir-residenza tieghu u ghaddielu l-bottijiet tal-protein. Ramzi offrielu bagalja kbira wara li l-imputat infurmah li ghandu bagalja zghira. L-imputat jghid ukoll li waqt li kien ghand Ramzi pprova jiftah wiehed mill-bottijiet izda hekk kif fethu dan deher issigilat minn fuq bil-karta u ghaldaqstant reggha ghalqu. Jghid li kif telaq mill-flat ta' Ramzi u niezel fit-triq bil-bagalja kontenenti l-imsemmija bottijiet tal-protein huwa gie arrestat mill-pulizija. Jghid li Ramzi ma kienx ha jtih kumpens sabiex jiehu dawn l-affarijiet lill-huh fil-Libja. L-imputat jinnega bl-iktar mod assolut li hu kien konsapevoli li gewwa l-bottijiet tal-protein kien hemm dawk il-pilloli. Huwa ghadda d-dettalji ta' Ramzi lill-pulizija inkluz in-numru cellulari tieghu. Huwa kkonferma ukoll ritratt ta' Ramzi. Mistoqsi mill-ufficjal investigattiv kif afda lir-Ramzi meta talbu sabiex jiehu l-bottijiet tal-protein lill-huh, l-imputat jispjega li din hija xi haga normali anke tenut kont il-kultura Libjana.

Ix-xjenzat Godwin Sammut, li kien inkarigat janalizza s-sustanza misjuba gol-blister packets ikkonkluda:

> *"Illi s-sustanza Clonazepam hija kkontrollata bil-ligi taht it-Tielet Skeda, Taqsima B tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalkemm il-Ligijiet ta' Malta ma' jsemmix Clonazepam per se, il-Clonazepam taqa' taht id-deskrizzjoni ta' Diazepam. Il-pilloli ta' Clonazepam jintuzaw bhala medicina ghall-trattament ta' seizures u panic disorders."* [2]

Fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti (divesament ippreseduta), Sammut jikkonferma li dawn il-blister packets kienu kollha ssigillati kif sippost. Jinghad ukoll li l-ammont ta' dawn il-pilloli ma jirrizultax mir-relazzjoni tal-espert madanakollu fl-istqarrija ta' l-imputat l-ufficjal prosekutur jaghmel referenza ghall-ammont totali ta' sebat elef, disa' mija u tmenin pillola (7980).

Illi l-mobile tal-qua imputat gie elevat u analizzat mill-espert Dr. Martin Bajada li kkonkluda li ma setghax jaccessa l-informazzjoni mizmuma fuq l-istess cellulari ghaliex kien *pattern locked*. Ghalkemm l-istess espert irnexxielu jaqra s-sim card fuq l-istess mobile, din ma kinitx tikkontjeni informazzjoni relevanti mertu ghall-fatti odjerni.

Illi gew elevati ukoll mis-Surgent Hughes numru ta' impronti digitali minn fuq u anke gewwa l-bottijiet li go fihom instabu l-pilloli *Clonazepam*. Dawn l-impronti gew ikkumparati mal-impronti tal-idejn kemm tal-imputat kif ukoll

[2] Fol. 131 tal-Atti processwali.

ta' Ramzi Abdul Hafid. L-espert Joseph Mallia, li kien inkarigat minn din il-Qorti sabiex jaghmel din l-analizi komparattiva kkonkluda li dawk l-impronti li setghu jigu kkumparati rrizultaw fin-negattiv ghall-impronti tal-imputat. Madanakollu jghid ukoll li uhud mill-istess impronti rrizultaw pozittivi ghall-impronti ta' Ramzi Abdul Hafid.

Mill-provi mressqa mill-prosekuzzjoni jirrizulta ukoll pruvat li l-qua imputat ma hux spizjar u lanqas ma huwa rregistrat bhala tabib jew dentist mal-Medical Council. Rapprezentant tal-Medicines' Authority ikkonferma ukoll li l-qua imputat ma ghandu l-ebda licenzja rigward *wholesale dealing*.

Mill-atti processwali jirrizulta li l-prosekuzzjoni kienet ingungiet lil Ramzi Abdul Hafid sabiex jixhed dwar il-fatti mertu tal-proceduri odjerni. Madanakollu l-istess xhud uzufrixxa mid-dritt tas-silenzju (hekk kif kellu kull dritt li jaghmel) galadarba hemm investigazzjonijiet pendenti fil-konfront tieghu[3]. In kontro-ezami l-ufficjal prosekutur, ikkonferma li Hafid ghadu qed jigi nvestigat u ma jeskludiex li jittiehdu passi fil-konfront tieghu.

L-imputat ghazel volontarjament li jiehu l-pedana tax-xhieda fejn bil-gurament reggha tenna dak kollu li kien qal fl-istqarrija. Gie prodott ukoll bhala xhud in difesa Abdul Karim El Fugari li spjega li hemm Facebook page li hija intiza sabiex tassisti lil-Libjani li jkunu fil-htigijiet taghhom wara li jkunu vjaggaw lejn Malta.

<u>Kunsiderazzjonijiet dwar il-htija</u>

Illi qabel ma tghaddi sabiex tanalizza r-reita' tal-imputat ghar-reati addebitati lilu, din il-Qorti temmen li jkun opportun li tanalizza numru ta' principji fundamentali.

Fl-ewwel lok, ai fini ta' sejbien ta' htija, l-prosekuzzjoni hija dejjem tenuta li tipprova l-kaz taggha sal-grad ta' lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni (beyond reasonable doubt), kemm ghal dak li jirrigwarda l-element materjali kif ukoll ghal dak li jirrigwarda l-element formali tar-reati in ezami. Dan l-obbligu ma jfissirx li l-prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha sal-grad tac-certezza assoluta.

Il-Qorti tal-Appell, fis-sentenza Il-Pulizija vs Peter Ebejer[4], b' referenza ghall-ispjegazzjoni tal-espressjoni "beyond reasonable doubt" moghtija minn Lord

[3] Fol. 50 tal-atti processwali.
[4] Mghotija fil-5 ta' Dicembru 1997

Denning fil-kaz **Miller v Minister of Pension (1974 – ALL Er 372)** iddikjarat:

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Is-sentenza **Pulizija vs Paolo Farrugia** titratta dwar it-tip ta' prova li ghandha tressaq il-prosekuzzjoni: "*hija regola tal-procedura kriminali li l-prova trid tkun shiha u soddisfacenti*"[5] u li, bhala principju fondamentali tal-process gudizzjarju fil-kamp penali, il-provi migjuba jridu jwasslu ghal sejbien ta' htija minghajr dubju dettat mir-raguni, "*u jekk jezisti dak id-dubju, dan imur favur l-akkuzat*".[6]

Fl-ahhar net, galadarba si tratta ta' delitt, il-provi mressqa mill-prosekuzzjoni jilhqu l-grad rikjest mil-ligi ta' lil hinn minn kull dubbju ragonevoli kemm ghal dak li jirrigwarda l-element materjali (actus reus) izda f'dak li jirrigarda l-element formali (mens rea) F'dan is-sens issir referenza ghas-sentenza mghotija fil-31 ta' Mejju 2001 fl-ismijiet **il-Pulizija vs Marco Farrugia, Kevin Galea u Marcel Mizzi** fejn, ghalkemm fuq reat differenti minn dawk mertu tal-kaz odjern, il-Qorti tal-Appell tghallem hekk:

> *"Issa, pero', <u>gja' la darba huwa necessarju li sabiex ikun hemm dan id-delitt, bhal kull delitt iehor, mhux bizzejjed li jigi pruvat l-element materjali biss, izda l-prosekuzzjoni trid tipprova, lil hin minn kull dubju ragjonevoli, li kien jezisti fl-istess hin li qed isir l-att materjali, l-element tal-mens rea, l-element formali</u>, il-Qorti trid tara jekk in bazi tal-provi li l-ewwel Qorti kellha quddiemha u li apprezzat, setghetx legittimament u ragjonevolment tasal ukoll ghall-konkluzjoni li t-tlett appellanti, jew min minnhom anke separatament, intenzjonalment jew volontarjament ghamlu dak l-att materjali li wassal ghar-reat jew reati in kwistjoni, jew jekk fizikament ma ghamluhx huma, ghall-anqas setghux mic-cirkostanzi ragjonevolment ikunu jafu li qed issir dik l-attivita' fil-hanut in kwistjoni li jappartjeni ghas-socjeta' li huma d-diretturi*

[5] Appell Kriminali (sede inferjuri), 1.8.1959

[6] Vide f'dan is-sens (Repubblika ta' Malta vs Jose' Edgar Pena (Appell Kriminali (Superjuri) 5.12.2012; u Repubblika ta' Malta vs George Spiteri, (Appell Kriminali (Superjuri) 5.7.2002.

*taghha, u, b'dan kollu, ghalkemm kienu konsapevoli ta' dan, jew setghu ragjonevolment ikunu konsapevoli ta' dan, ma ghamlu xejn sabiex jwaqqfu dik l-attivita'. Fi ftit kliem, din il-Qorti trid tara jekk mill-apprezzament tal-provi li taghmel hi, liema ezercizzju ma taghmlux sabiex tissostitwixxi dak li ghamlet l-ewwel Qorti, in bazi ta' dawk il-provi, setghetx l-ewwel Qorti ragjonevolment u legalment tasal sabiex tikkonkludi li t-tlett appellanti, jew min minnhom, kellu din il-konsapevolezza, din l-intenzjoni kriminuza tant rikjesta, apparti l-aspett materjali*." (emfazi ta' din il-Qorti)

L-istess principju japplika ghar-reati ai termini tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta. F'dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet il-**Pulizija vs. Marzouki Beya Bent Abdellatif** mghotija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede inferjuri) nhar is-16 ta' Frar 1998, tiddikjara:

*"Il-ligi taghna, kemm ghal dak li jirrigwarda l-pussess kif ukoll ghal dak li jirrigwarda l-importazzjoni ta' droga, ma tuzax il-kelma "xjentement"; fi kliem iehor il-ligi titkellem dwar min "ikollu fil-pussess tieghu" (artikolu 8(a)(c), kap 101), ikun fil-pussess" (regola 8, A.L.292/1939), "jimporta (artikolu 15A (1), Kap. 101) u mhux dwar min "xjentement ikollu fil-pussess tieghu", "xjentement ikun fil-pussess" jew "xjentement jimporta". Ghalkemm il-legislatur f'dawn iddispozizzjonijiet ma juzax il-kelma "xjentement", hu evidenti li hawn si tratta ta' reati doluzi u mhux sempliciment ta' reati kolpuzi. Il-legislatur ma riedx jikkolpixxi lil min, per ezempju, ad insaputa tieghu jitqieghdu xi droga fil-bagalja tieghu u dan jibqa' diehel biha f'Malta. Mill-banda l-ohra, b'applikazzjoni ta' l-artikolu 26 (1) tal-Kap. 101, persuna li tkun fil-pussess ta' droga jew li tkun dahhlet droga f'Malta hi presunta li kienet fil-pussess jew dahhlita xjentement, jigifieri li kienet taf blezistenza ta' dak l-oggett, li dak l-oggett hu droga, u ghalhekk li kienet taf li kienet fil-pussess jew li kienet qed iddahhal id-droga, salv prova (imqar fuq bazi ta' probabilita') kuntrarja, u salv il-limitazzjoni ghal tali prova skont l-artikolu 26 (2)."*

Il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet il-**Pulizija vs. Suzette Farrugia**[7] taghmel referenza ampja ghad-decizjoni moghtija mill-Qrati

[7] Mghotija fl-20.3.2019

Inglizi fl-ismijiet **Warner v Metropolitan Police Commissioner**[8] fejn kien inghad:

> *"Ideally, a possessor of a thing has complete physical control over it, he has knowledge of its existence, its situation and its qualities: he has received it from a person who intends to confer possession of it and he has himself the intention to possess it exclusively of others. But these elements are seldom all present in situation with which the court have to deal, and where one or more of them is lacking, or incompletely present, it has to be decided whether the given approximation is such that possession may be held sufficiently established to satisfy the relevant rule of law. As it is put by Pollock and Wright, possession: is defined by modes of events in which it commences or ceases and by legal incidents attached to it' (Lord Wilberforce).*
>
> *…*
>
> *Possession, the visible possibility of exercising physical control over a thing, coupled with the intention of doing so, either against all the world, or against all the world exception of doing so, either against all the world, or against all the world except certain persons. There are therefore, three requisites of possession. First, there must be actual or potential physical control, secondly physical control is not possession, unless accompanied by intention, hence, if a thing is put into a hand of a sleeping person, he had not possession of it. Thirdly, the possibility and intention must be visible or evidenced by external signs, for if the thing shows no signs of being under the control of anyone, it is not possessed."*

Fil-kaz in dezamina, l-fatti materjali tar-reat assolutament ma humiex ikkontestati mill-partijiet. Iz-zewgt partijiet jaqblu li hekk kif l-imputat kien miexi b'bagalja fi triq il-Qroll gewwa Bugibba huwa gie mwaqqaf minn tfittxija li saret fil-bagalja instabet tlett konteorituri tal-proteins u go fihom instab ammont sostanzjali ta' blister packets kontenenti il-*clonazepam*. Id-difiza fl-ebda hin ma qeghda tikkontesta l-fatt li l-imsemmija clonazepam instabu taht il-kontroll temporanju tal-imputat. Dak li d-difiza qeghda tikkontendi hija x-xjenza tal-imputat jew ahjar il-mens rea tieghu ghad-delitti li bihom jinsab akkuzat. L-imputat jargumenta li huwa fl-ebda hin ma kien konsapevoli tal-fatt li kien qed igorr il-clonazepam u qatt ma kellu l-

[8] [1969] 2 AC 256

intendiment u volonta' jaghmel dan. Konsegwentament id-difiza qeghda tikkontendi li l-imputat ghandu jigu illiberat mill-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu galadarba l-element formali huwa kompletament nieqes.

Illi hekk kif inghad iktar 'il fuq f'din is-sentenza l-prosekuzzjoni hija tenuta li tipprova sal-grad ta' lil hinn minn kull dubbju ragonevoli mhux biss l-element materjali tad-delitt in kwistjoni izda anke l-element formali.

Ghaldaqstant, galadarba ma hemmx kontestazzjoni dwar l-element materjali, din il-Qorti ser tanalizza l-provi bil-ghan li tiddetermina jekk il-prosekuzzjoni rnexxiliex tipprova l-kaz taghha kontra l-imputat sal-grad rikjest mil-ligi ghal dak li jirrigwarda l-element formali.

1. Fl-ewwel lok jinghad li mix-xhieda tal-pulizija li wettqu l-arrest tal-imputat ma jirrizultax li l-imputat b'xi mod irrezista l-arrest. Din, fil-fehma ta' din il-Qorti, hija wahda mill-indikazzjonijiet li turi li l-imputat ma kienx konsapevoli li materjalment kien fi stat ta' illegalita';

2. Ma kien hemm l-ebda impronta tal-imputat fuq il-bottijiet li kien jikkontjenu s-sustanza illegali;

3. Ghalkemm l-imputat jirrizulta li kien ilu Malta ghal ftit snin biss u minkejja l-hasda li spicca arrestat, l-istqarrija tal-imputat hija wahda ddettaljata hafna u konsistenti. Fl-imsemmija stqarrija l-imputat ta d-dettalji tar-relazzjoni tieghu ma Hafid u ta' dak kollu li wassal ghall-mument tal-arrest tieghu. Dan ghamlu minghajr hafna domandi mill-ufficjal prosekutur. Per ezempju, minghajr mistoqsi u minghajr ma kellu ghalfejn jghidha, l-imputat spjega kif kien Hafid li ha hsieb jirrangalu ghall-passagg ghal Libja u min jeddu spjega ukoll li kien iltaqa mieghu biex ihallsu. Jinghad ukoll li r-risposti tieghu kienu kollha verosimili u ma jirrizulta xejn mill-investigazzjoni tal-pulizija jew mill-provi prodotti fil-proceduri odjerni li jistgha b'xi mod jikkontradixxi l-verzjoni tal-imputat. Anzi l-prova migbura, sa certu punt, issostnu l-verzjoni mghotija minnu. Ezempju car ta' dan huwa kif hu fl-istqarrija l-imputat jispjega (minghajr ghal darba ohra ma kellu ghalfejn jghidha) li hekk kif Hafid ghaddielu l-bottijiet tal-protein huwa pprova jiftah wiehed minnhom izda sab li dan kien maghluq b'cover fil-wicc. Din il-verzjoni tikkumbaca ma dak li xehdu l-ufficcjali tal-pulizija li ghamlu t-tfittxijiet li spjegaw li l-bottijiet kien jidhru s-

sigillati izda meta ppruvaw jifthuhom dawn infethu mal-ewwel. Istanza ohra fejn il-provi prodotti huma in linea ma dak li stqarr l-imputat huwa l-fatt li fuq il-bottijiet instabu biss impronti tas-swaba ta' Hafid izda tal-imputat ma nstabux. Ghal kull bon fini, irid jinghad li naturalment il-fatt wahdu li ma nstabux impronti tas-swaba tal-imputat fuq il-bottijiet ma jfissirx necessarjament li l-imputat huwa kompletament eskluz mir-reat li bih jinsab akkuzat. Mandanakollu meta tikkunsidra dan il-fatt fl-ambitu tal-provi l-ohra mressqa, dan il-fatt jaghti izjed kredibilita' l-verzjoni tal-imputat. Fl-ahhar net jinghad ukoll li kuntrarjament ghal dak li jigri normalment f'dan it-tip ta' kazijiet meta zewgt persuni jkunu komplici ta' reat, l-imputat immedjatament fl-ewwel stqarrija tieghu lill-pulizija ta d-dettalji kollha ta' Hafid lill-pulizija inkluz ir-residenza kif ukoll in-numru cellulari. Huwa identifika ukoll lill-istess persuna fuq ritratt. Jirrizulta ukoll car li l-involviment ta' Hafid ma kienx wiehed ivvintat mill-imputat biex jiskolpa lilu nnifsu u dana tenut kont ir-rizultanzi ragunti mill-espert Joseph Mallia rigwardanti analizi komparattiva tal-impronti digitali elevati minn fuq il-bottijiet mal-impronti tas-swaba tal-istess Hafid.

4. Jinghad ukoll li l-imputat kien konsistenti mmens fl-istqarrija tieghu u anke meta xehed bil-gurament quddiem din il-Qorti. Ghalkemm kien hemm trapass ta' snin, il-verzjoni tieghu baqghet dejjem wahda u baqghet konsistenti, anke f'dettalji zghar;

Ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija, il-verzjoni tal-imputat ma hija kontradetta b'xejn u ghaldaqstant, sal-livell tal-probabli l-imputat irnexxielu jipprova li ma kienx jezisti l-element formali tal-ewwel u t-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tal-qua imputat. Ghaldaqstant dina l-Qorti ser tillibera lill-impuat minn dawn l-akkuzi.

Ghal dak li jirrigwarda t-tielet imputazzjoni ai termini tal-artikolu 54 tal-Kap. 548 tal-Ligijiet ta' Malta, assolutament ma jirrizultax pruvat li l-imputat haddem negozju bl-ingrossa tas-sustanza hawn fuq imsemmija. L-element ta' transazzjoni li wiehed jistenna f'negozju huma kompletament nieqsa. Fil-fatt mill-provi prodotti mhux tali ma jirrizultax l-element ta' negozju izda lanqas biss ma jirrizulta pruvat li l-imputat kien fil-pussess xjenti tal-

imsemmija sustanza *clonazepam.* Konsegwentament lanqas din l-imputazzjoni ma tirrizulta pruvata.

**Decide**

Ghal dawn il-mottivi dina l-Qorti mhux qed issib lill-qua imputat, Ayoub Ahmad Mohamad Ahmad hati tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu u konsegwentament qed tilliberah mill-istess.

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA B.A., LL.D.**

Christine Farrugia

**Deputat Registratur**